

Brussell, 12 ta' Lulju 2017  
(OR. en)

---

Fajl Interistituzzjonali:  
2016/0278 (COD)

---

10942/1/17  
REV 1 ADD 1

CODEC 1201  
PI 91

#### NOTA PUNT "I/A"

---

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	Abbozz ta' Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ċerti użi permessi ta' ċerti xogħlijiet u materjal ieħor protett bid-drittijiet tal-awtur u drittijiet relatati għall-ġid tal-persuni għomja, b'diżabbiltà fil-vista jew li b'xi mod ieħor għandhom diffikultà biex jaqraw materjal stampat u li temenda d-Direttiva 2001/29/KE dwar l-armonizzazzjoni ta' ċerti aspetti ta' drittijiet tal-awtur u drittijiet relatati fis-soċjetà tal-informazzjoni ( <b>I-ewwel qari</b> ) - Adozzjoni tal-att leġislattiv = Dikjarazzjoni

---

#### Dikjarazzjoni mil-Latvja

Ir-Repubblika tal-Latvja tiġbed l-attenzjoni għall-fatt li t-terminu legali "veic uzņēmējdarbību" użat fil-verżjoni bil-Latvjan tar-Regolament u tad-Direttiva li jiddeskrivu l-post ta' stabbiliment ta' entitajiet li huma awtorizzati jew rikonoxxuti mill-Istati Membri biex jipprovdu edukazzjoni, taħriġ ta' struzzjoni, qari adattiv jew aċċess għall-informazzjoni għal persuni benefiċjarji mingħajr skop ta' profitt, jirreferi għal entità li "twettaq attività ta' intraprenditorija/ta' negozju".

Konsegwentement, tali traduzzjoni tat-terminu hija sostanzjalment differenti mit-tifsira legali tat-terminu "li għandu jiġi stabbilit" użat fil-verżjoni Ingliża u verżjonijiet lingwistiċi oħra tar-Regolament u tad-Direttiva, u huwa kontra n-natura mingħajr skop ta' profitt tal-entitajiet li lilhom huma indirizzati dawn l-atti leġislattivi.

Ir-Repubblika tal-Latvja tinnota li l-użu inkonsistenti jew mhux korrett tat-terminu legali ta' tali importanza sostantiva jwassal għal ambigwià legali u għalhekk joħloq ir-riskju li jkun hemm tfixkil fil-paralleliżmu legali fost il-verżjonijiet lingwistiċi tar-Regolament u d-Direttiva. It-terminu "li għandu jiġi stabbilit" f'kontest analogu jidher fl-Artikolu 49 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, fejn qed jiġi tradott għal-Latvjan bħala "izveidot". It-terminu "izveidot" rispettivi jew l-eqreb sinonimu tiegħu "dibināt" li ntuża fil-verżjoni inizjali Latvjana tal-proposta tal-Kummissjoni Ewropea għal Direttiva u r-Regolament ippubblikat fl-14 ta' Settembru 2016, jiddeskrivi kif xieraq l-att ta' stabbiliment kopert mir-Regolament u mid-Direttiva, u dan mhux f'kunflitt man-natura mingħajr skop ta' profitt tal-entitajiet regolati minn dawn l-atti legali.

Ir-Repubblika tal-Latvja beħsiebha tibda l-proċedura ta' rettifika fir-rigward tar-Regolament u d-Direttiva sabiex tiżgura l-użu konsistenti u korrett tat-terminoloġija.

---